SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IL-ĦAMES KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 6312

Illum it-Tnejn, 13 ta' Frar 2012
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fis-7.00pm.

## PREŻENTI

Is-Sindku Frederick Cutajar u l-Kunsilliera, Joseph Bonello u Paulette Gafa`.

## SKUŻATI

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill li l-Viċi Sindku kien infurmha li ma setgħax jattendi għal-laqgħa u għandu jibgħat nota bil-miktub f'dan ir-rigward. Hija qalet ukoll li l-Kunsilliera Caroline Galea kienet bagħtet *e-mail* fejn infurmat lil Kunsill li kellha mpenn ieħor u li jew ser tasal tard jew ma tkunx tista' tattendi.

## TALBA

Is-Sindku qal it-talba.

## 1. MINUTI

Il-Minuti tal-Laqgħa numru 6212 li saret nhar it-Tnejn, 23 ta' Jannar 2012 ġew moqrija u approvati. Il-Kunsill approva wkoll il-Minuti tal-laqgħa tal-lokalita' 2012 li saret nhar is-Sibt, 28 ta' Jannar 2012.

## 2. KORRISPONDENZA

### 2.1 *Listi*

Lista tal-korrispondenza riċevuta u lista oħra tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill bejn it-23 ta' Jannar 2012 u t-13 ta' Frar 2012 ġew ippreżentati fil-laqgħa.

Kopja taż-żewġ listi ntbagħtu lill-Kunsilliera kollha.

### 2.2 *Korrispondenza miġjuba għall-attenzjoni tal-Kunsill*

#### 2.2.1 *Ittri li rċieva l-Kunsill:*

- 110/12/I – Heritage Enterprise – *Sustainable Town Blocks*
- 138/12/I – St. Thomas More College Sta Luċija Girls' Secondary – *Price Day*
- 126/12/I – Jerome Spiteri - *publications*
- 154/12/I – Primary Health Care – *public lectures*
- 171/12/I – Dipartiment għall-Gvern Lokali – Projbizzjoni ta' tipjip fi *playgrounds* u ġonna pubbliċi

### 2.3 *Rapporti u Dokumenti oħra ppreżentati lill-Kunsill:*

- SLLC *Memo* 04/2012 – Ħinijiet tal-Librerija Pubblika

## 3. PUNTI MQAJMA

**3.1** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 110/12/I is-Sindku qal li Heritage Enterprise, f'isem il-Kunsill ta' Santa Luċija, bagħtu ittra ta' nteress għal parteċipazzjoni fl-*Urbact Programme – Sustainable Town Blocks.*

**3.2** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 126/12/I il-Kunsill innota *e-mail* ta' awtur ta' kotba dwar il-kultura Maltija.

**3.3** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 138/12/I il-Kunsill laqa' talba biex jippreżenta kotba għal-librerija ta' l-iskola St. Thomas More Sta. Luċija Girls' Secondary fl-okkażjoni tal-*Price Day*.

**3.4** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 154/12/I il-Kunsill ġie nfurmat bil-proposta tad-Dipartiment tal-*Primary Health Care* li xtaqu jikkordinaw taħdidiet

dwar is-saħħa għal pubbliku. Il-Kunsill qabel li jintbagħt avviż ta' nteress u tintalab aktar informazzjoni dwar din l-inizjattiva.

**3.5** B'referenza għall-korrispondenza bin-numru 171/12/I il-Kunsill innota stqarrija mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Avviż Legali 493 tal-2011 li jipprojbixxi li jsir tipjip fil-ġonna jew *playgrounds* li fihom il-logħob tat-tfal. Il-Kunsill qabel li ssir tabella li tindika l-konfini taż-żona ħalli l-pubbliku jkun jaf b' mod ċar fejn mhux permess tipjijp. Din it-tabella għandha tinforma wkoll li l-kontravenzjoni għal min jinqabad ipejjep fiż-żona stabbilita tammonta għal €232.90.

## 4. KOMUNIKAZZJONIJIET

### 4.1 *Faċilitajiet sportivi*

Is-Sindku rrefera għal minuta 3.6 tal-laqgħa preċedenti u nforma lil Kunsill li kien tkellem ma' rappreżentanti tal-Klabb tal-Boċċi dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni li hemm bżonn isir fl-istutturi ta' dan il-Klabb. Huwa qal li l-istima tax-xogħol involut tammonta għal madwar €1000. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u qabel li jagħmel il-manutenzjoni meħtieġa f'din il-faċilita sportiva.

### 4.2 *New Street Lighting*

Is-Sindku ppropona li ssir proposta lil Enemalta għal dawl ġdid fi Triq il-Bruka. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta.

### 4.3 *SLLC Q (57/12/01) - Kiri ta' servizz ta' Fitness Instructor*

Il-Kunsill iddiskuta s-sejħa hawn fuq imsemmija li kienet għalqet nhar l-Erbgħa, 8 ta' Frar 2012. Ġie nnutat li għal din is-sejħa l-Kunsill kien irċieva nominazzjoni waħda fejn kienet qed tintalab ir-rata ta' €25 kull siegħa. Din ir-rata kif ukoll il-kwalifiki ta' l-applikant kienu sodisfaċenti u ġew approvati mill-Kunsill. Għaldaqstant kien hemm qbil li b'effett immedjat jibdew il-preparamenti biex jiġu organizzati '*Health and Fitness Courses*' għar-residenti skond il-*Bye-Laws* tal-Kunsill ta' Santa Luċija – Organizzazzjoni ta' Korsijiet.

## 5. AFFARIJIET FINANZJARJI

### 5.1 *Ħlas ta' pagamenti*

Approvazzjoni għall-ħlas ta' kontijiet permezz ta' ċekkijiet minn numru BOV3927 sa numru BOV3958 kif illistjati fl-iskedi tal-pagamenti għal-perjodu bejn il-31 ta' Diċembru 2011 u l-4 ta' Jannar 2012 (Skeda Nru. CM63).

Lista ta' *Schedule of Payments* intbagħtet lil Kunsillieri kollha flimkien mal-Minuti numru 6212 (23/01/12).

### 5.2 *Approvazzjoni għall-Ħlas tas-Salarji*

Salarji għax-xahar ta' Jannar 2012 Ammont *Gross* €7300.83

### 5.3 *Approvazzjoni għall-Ħlas ta' Kontijiet dwar Xogħolijiet bil-Kuntratt:*

| **Kuntrattur** | **Kuntratt** | **Kont** | **€** |
|---|---|---|---|
| Koperattiva Tabelli u Sinjali | *Sgns / Mkgs* | 15856 | 199.02 |
| ELC Ltd. | PKG57 | Serv. Jan12 | 2061.50 |

## 6. LAQGĦA TAL-LOKALITA'

Il-Kunsill iddiskuta l-andament tal-laqgħa tal-lokalita' li saret nhar is-Sibt, 28 ta' Jannar 2012. Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti u s-suġġerimenti li saru. Fir-rigward tat-tabella edukattiva li għandha titwaħħal fl-*area* ta' Xintill *Roundabout* għandha tintbagħt proposta lil Transport Malta dwar dan is-suġġeriment.

## 7. RAPPORT FINANZJARJU 2011

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat quddiem il-Kunsill rapport finanzjarju li jkopri s-sena 2011. Preżenti għal din il-laqgħa kien hemm l-accountant tal-Kunsill li ta spjegazzjoni fid-dettal tad-dħul u ħruġ finanzjarju tal-Kunsill għas-sena 2011. Fil-kummenti tiegħu l-*accountant* qal li l-Kunsill mexa bil-għaqal u jinsab f'qagħda finanzjarja tajba biex ikun jista' jwettaq l-impenn tiegħu fir-rigward tar-*resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP. Huwa wissa iżda li f'dawn is-sentejn li ġejjin huwa mportanti li l-Kunsill iżomm eżatt mal-*budget* f'dak li hu nfieq u ma jagħmilx spejjeż żejda jew li ma jkunx ippjana għalihom.

## 8. BUDGET 2012

Is-Segretarju Eżekuttiv resqet quddiem il-Kunsill l-estimi għal *budget* għas-sena 2012. Hija qalet li fis-sena 2012 il-Kunsill irid iħallas is-somma ta' €110,737 bħala l-ewwel pagament tax-xogħol ta' *resurfacing* ta' toroq taħt l-iskema tal-PPP. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret provista ta' €5000 bħala *membership fee* fil-GAL Xlokk u provista għas-servizz ta' librar fil-librerija pubblika. Saru xi emendi żgħar u l-*budget* 2012 ġie approvat kif emendat.

## 9. TMIEM/AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m.

Il-Kunsill jerġa' jiltaqa' nhar it-Tnjen, 5 ta' Marzu 2012 fil-5.00 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum it-Tnejn 5 ta' Marzu 2012**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**